# Kif se Jibqgħu Jiftakru lil Cuschieri?

## Riflessjonijiet f'għeluq il-50 sena wara mewtu

Charlò Camilleri

Sur Bernard Micallef, Kap tad-Dipartiment tal-Malti, Sur President u membri tal-Għaqda tal-Malti fi ħdan l-Università ta' Malta, Wisq Rev. P. Michael Farrugia, Provinċjal tal-Karmelitani, u intom ilkoll mistiedna għal din il-lejla f'ġieħ it-tifkira tal-Onorevoli Professur P. Anastasju Cuschieri, Malti, poeta, Karmelitan, senatur, filosfu u akkademiku.

Il-Prof. Ġużè Aquilina fil-kitba tiegħu "Kif se jibqgħu jiftakru lil Cuschieri?" li dehret fl-Għadd 6 tat-32 ħarġa ta' *Leħen il-Malti* tas-sena 1963, eżattament sena wara l-mewt tal-Professur Cuschieri li seħħet nhar il-25 ta' Lulju 1962, jistqarr li hija "l-mewt li ttella' l-meriti speċjali fil-wiċċ u ħafna drabi, tpatti għan-nuqqasijiet tal-ħajja, li mhux dejjem tagħti lil dak li jkun li ħaqqu." U jkollna nistqarru, li mnalla minn żmien għal żmien tasal it-tifkira tal-mewt tal-Professur Cuschieri għaliex din dejjem tkun okkażjoni li fiha nieqfu ħarira biex infakkru u nweġġħu lil dak li mhux biss ħabb iżda li kien rikonoxxenti lejn Malta u li b'qalb bla ħjiena tħabat, skont il-ħila u l-fehma tiegħu, biex lil dan in-nazzjon – b'dak kollu li jfisser dan l-isem – iweġġħu u jarah jemmen fih innifsu u – biex nuża kliemu stess dakinhar tad-Diskors għall-Inkoronazzjoni ta' Marija Bambina fl-Isla, disgħa u tmenin sena ilu, iqum fuq saqajh minn "raqda ta' għoxrin seklu".

Ġaladarba f'okkażjonijiet bħal din tal-lejla fl-istituzzjoni Universitarja li fiha huwa ħaddem ħilietu ta' filosfu u akkademiku, aħna għadna nfakkruh (għalkemm matul is-snin aktarx li ninsewh u nwarrbuh fil-ġenb) ifisser li f'Cuschieri nagħrfu

li hemm valur li hu ta' min jibqa' jgħożżu u jfakkru għax hu kien wieħed minn dawk li meddew idejhom għall-ħidma sabiex pajjiżna jimxi 'l quddiem.

U hawn niġi biex nipprova nwieġeb il-mistoqsija li jiena ġejt mitlub naqsam magħkom il-ħsibijiet tiegħi dwarha f'din il-lejla ta' tifkira: "Kif se jibqgħu jiftakru lil Cuschieri?" Il-Professur Ġużè Aquilina jgħid li Cuschieri mhux se jibqa' mfakkar minħabba li kien filosfu u professur, imma se jibqa' mfakkar l-ewwel nett għall-ħeġġa li biha kiteb dwar ilsienna. Il-Professur Aquilina jistqarr li huwa jistagħġeb quddiem din il-ħeġġa li tisboq saħansitra lil dik ta' Dun Karm, għax hu "fiha xeħet qalbu kollha, bħal wieħed li jieħu gost jipprova l-verità ta' dak li qed jgħid." It-tifkira tiegħu skont Aquilina tikber mat-tfal u ż-żgħażagħ li jistudjaw il-poeżija tiegħu. U tassew min fostna qatt ma sema' dawk il-poeżiji magħrufin miktubin għat-tfal b'Malti tassew ħafif u mexxej, poeżiji bħal ngħidu aħna *Ritratt ta' Toninu man-Nanna*?

Madanakollu, jekk tippermettuli, jiena ma niqafx hawnhekk. Se nagħżel li nagħti pass ieħor 'il quddiem mill-fehma tal-Professur Aquilina u mill-fehma ta' dawk li warajh u taħtu studjaw lil Cuschieri. Dawn bħal donnhom taħt is-seħer ta' ħsieb duwalista, jagħtuna x'nifhmu li nistgħu nifirdu mill-personalità ta' Cuschieri l-filosfu mill-poeta, il-poeta mill-politiku, il-politiku mir-reliġjuż, iċ-ċittadin Malti miċ-ċittadin Ewropew, il-Karmelitan mistħi u umli mill-oratur ta' qawwa li jsaħħar il-folol, u l-bqija …

Min huwa daqshekk għajnejh magħluqa li ma jindunax li saħansitra taħt poeżija bħal dik imsemmija għat-tfal hemm elementi u tematika filosofika ta' xejra eżistenzjali dwar il-misteru tal-ħajja u l-mewt, iż-żgħorija u x-xjuħija? Kif nistgħu nwarrbu l-fatt li taħt it-ton melankoniku tas-salmodija tfur mill-qalba ta' ruħ Cuschieri, jixirfu l-problemi filosofiċi eżistenzjali (qabel ma huma morali, ekonomiċi u politiċi) tal-gwerer fratriċidi, il-mewt tal-innoċenti – li jtawlu sa żmienna l-mit ta' Kajjin u Abel – kif ukoll il-problema tal-estetika, tar-raġuni li trid temmen, tad-destin, il-virtù u l-etika.

Min-naħa l-oħra, min ma jindunax li fid-diskorsi tiegħu, il-qawwa tinsab mhux biss fil-persważjoni tal-argumentazzjoni fina imma wkoll fir-retorika poetika li ssaħħrek?

Nistqarr magħkom li waqt ir-riċerka matul din is-sena flimkien mal-ħabrieki s-Sur Toni Cortis, ġieli għaddieli l-ħsieb li forsi lil xi wħud kien jaqblilhom li lil Cuschieri nibqgħu niftakruh biss bħala *l-Poeta tal-Madonna u tal-Kelma Maltija*

u daqshekk. Jekk nagħmlu hekk iżda nkunu qegħdin nidħlu fi sqaq li ma jwassal għal imkien.

Mhuwiex il-post hawnhekk u lanqas għandna l-ħin biex niddiskutu l-personalità kontroversjali u kumplessa ta' Cuschieri. Xi ħjiel diġà tajnieh fil-kitbiet li ġew ippubblikati fi ktejjeb u artikli dwar aspetti tal-personalità ta' dan il-Malti kolt li ma niddejjaqx insejjaħlu Umanista, artikli li jiftħu l-bieb għal iktar studju u riċerka dwar il-Professur Cuschieri. Fil-fehma tagħna biex Cuschieri jinftiehem irid jiġi apprezzat fil-kumplessità kollha tiegħu mingħajr ma nifirdu l-poeta mill-filosfu, mill-politiku, min-Nisrani u mill-Karmelitan. Cuschieri fl-aħħar mill-aħħar huwa poeta u filosfu li kif jargumenta Arthur Schopenhauer il-filosfu tal-pessimiżmu, li tiegħu Cuschieri kien ammiratur – nafu mill-ittri personali li hu kien bagħat l-Olanda l-filosofija ta' Schopenhauer sabiex sieħbu Hubertus Driessen ikun jista' jippubblika studju dwaru[1] – "ma jidħolx f'għelt ma' żmienu jekk dan jagħtih l-ispazju li jaħdem mingħajr tfixkil fir-rokna tiegħu u li lanqas ma jidħol f'għelt mad-destin tiegħu jekk din ir-rokna li ngħatatlu tħallih jgħix skont is-sejħa tiegħu mingħajr ma jkollu jaħseb għall-oħrajn" (Schopenhauer, *The Art of Literature*, 90). Il-ħsieb ta' Cuschieri f'ġensu fil-fatt daħħlu f'għelt ta' tħassib u nuqqas ta' ftehim minn ta' madwaru. Għax Cuschieri, kif jinnota tajjeb P. Mark Montebello f' *Il-Ktieb tal-Filosofija f'Malta*, messitu x-xorti li f'pajjiżna joħroġ il-filosofija mit-torri tal-avorju li kienet imsakkra fih sabiex jinvestiha għat-trasformazzjoni soċjali. Cuschieri huwa wieħed minn dawk il-bnedmin ta' viżjoni li, fi kliem Schopenhauer:

> itemmu ħidmithom fil-kwiet, mingħajr ma jfittxu l-approvazzjoni, iċ-ċapcip jew is-simpatija; imma li jwarrbu fil-ġenb kull ħsieb ta' interessi personali [...]

1 Fuq Schopenhauer l-i*Stanford Dictionary of Philosophy* jargumenta: "Among 19th century philosophers, Arthur Schopenhauer was among the first to contend that at its core, the universe is not a rational place. Inspired by Plato and Kant, both of whom regarded the world as being more amenable to reason, Schopenhauer developed their philosophies into an instinct-recognizing and ultimately ascetic outlook, emphasizing that in the face of a world filled with endless strife, we ought to minimize our natural desires for the sake of achieving a more tranquil frame of mind and a disposition towards universal beneficence. Often considered to be a thoroughgoing pessimist, Schopenhauer in fact advocated ways — via artistic, moral and ascetic forms of awareness — to overcome a frustration-filled and fundamentally painful human condition. Since his death in 1860, his philosophy has had a special attraction for those who wonder about life's meaning, along with those engaged in music, literature, and the visual arts." F'dan id-dawl tinftiehem il-kumplessità ta' Cuschieri.

> u jaħsbu iktar fin-nisel li għad irid jiġi milli fin-nisel ta' madwarhom, għax waqt li dan tal-aħħar igerrixhom mit-triq li jkunu qabdu, in-nisel li għad irid jiġi jifforma l-biċċa l-kbira tal-ġens, u bil-mod il-mod, iż-żmien iġib miegħu lil dawk il-ftit li japprezzawhom. Sadattant bniedem bħal dan, bħall-artist ta' Goethe, ma għandu l-ebda ħakem setgħan li jgħolli t-talenti tiegħu, l-ebda ħabib li jifraħ miegħu [...] Ħidmitu, bħal donnha oġġett sagru, hija l-frott ta' ħajtu, merfugħ għal min ġej warajh. Għan bħal dan jisboq kull għan ieħor, u għalih huwa jilbes il-kuruna tax-xewk li xi darba, fil-ġejjieni, għad tħaddar bil-weraq tar-rand. (Schopenhauer, *The Art of Literature*, 94-95).

Dawn is-sentimenti nsibuhom fil-poeżija ta' Cuschieri, *Qalb ta' Nisrani* li qabel nagħlaq din ir-riflessjoni tiegħi għal-lejla nixtieq insemmiha biex minnha niġbed l-attenzjoni dwar punti importanti. Min għandu kemxejn sens ta' kritika letterarja jinduna li din il-poeżija hija bħal solilokwiju mill-isbaħ ta' bniedem li jagħraf li fih jgħixu flimkien il-poeta, l-oratur, in-Nisrani, il-filosfu u l-patrijott u waqt li jistagħġeb b'dak kollu li, lanqas hu stess ma jaf kif u għaliex irċieva bħala don, iwissi lilu nnifsu li quddiem is-suċċess u l-affermazzjoni tal-folol (li fl-aħħar mill-aħħar huma frugħa li tgħaddi u tintemm) huwa għandu jibqa' jiftaħar biss bis-Salib ta' Kristu u mhux jagħli għax oħrajn jistgħu jeħdulu l-popolarità, jew jixxennaq biex Malta tiġi bir-rand fuq qabru u tagħtih il-bewsa ta' gieħ.

Aquilina, u min studja lil Cuschieri bil-lenti tiegħu, iħammu, fid-dawl tas-satira ta' Nikol Biancardi, li f'din il-poeżija, Cuschieri donnu jagħti x'jifhem li Dun Karm kien qed jagħli u jgħir għalih. Aquilina jikkonkludi li seta' kien hemm xi bruda fil-konfront ta' Cuschieri minn Dun Karm.

Fil-fehma tiegħi, imsejsa fuq ir-riċerka li qegħdin nagħmlu, din mhijiex ħlief ħliqa iktar milli rivelazzjoni siewja dwar Dun Karm jew Cuschieri. Ejja nirraġunaw ftit! L-għajjur u l-biered mhux se jfaħħar pubblikament lill-avversarju tiegħu fl-ewwel diskors tal-8 Settembre ħdejn il-mafkar tal-Assedju l-Kbir, u jistqarr li dan għandu "kelma ta' mgħallem u qalb tassew Maltija." Lanqas mhu se jfittex li jippassiġġa bil-kalma miegħu flgħaxijiet il-Mall taħt il-bjuda jew il-ħmura idillika ta' nżul ix-xemx jiddiskuti l-poeżija!

Dan huwa biss eżempju wieħed minn dawn il-fantasiji li nibtu madwar Cuschieri. Għaldaqstant jeħtieġ studju serju sabiex nagħlqu t-tħammim dwar

il-persuna tiegħu, dwar il-waqfien tal-kitba poetika bil-Malti, dwar il-viżjoni politika u soċjali tiegħu u l-bqija.

Mela "kif se nibqgħu niftakruh lil Cuschieri?" Din il-mistoqsija nerġa' nqegħedha f'idejkom u f'qalbkom, biex kull wieħed u waħda minna nweġbuha u nieħdu deċiżjoni dwar irridux li din is-sena tgħaddi u magħha tgħib it-tifkira ta' Cuschieri, jew inkella ninvestux, kull wieħed u waħda minna skont il-kapaċitajiet u r-responsabilità tiegħu jew tagħha, sabiex lil dan il-Malti li ħabb lil Malta, inkomplu niskopruh u napprezzawh fil-persuna li kien u fil-wirt li ħallielna, għax kif jikteb Joseph Mangion "kull tifkira ta' Cuschieri hija t-twettiq tal-kultura tagħna."

F'din l-Università li minnha kien jagħmel parti l-Prof. Cuschieri kemm bħala alumnus kif ukoll bħala Professur, tajjeb li nsemmi li l-Provinċja Karmelitana Maltija qed tieħu ħsieb taħdem fuq il-proġett tal-pubblikazzjoni tal-kitbiet miġbura tal-Professur Cuschieri li jinkludu l-filosofija, il-poeżiji bit-Taljan u l-Malti u studji u kitbiet oħra bl-għan li nġibu 'l quddiem l-istudju u l-apprezzament tal-Prof. Cuschieri. Ir-riċerka qed turi li żgur li 'l quddiem għad jinstabu iktar kitbiet tiegħu. Nappella minn hawnhekk lill-Professuri, il-Letturi u l-istudenti tad-Dipartiment tal-Malti, u għaliex le, tal-filosofija, biex flimkien immexxu 'l quddiem ir-riċerka dwaru u dwar il-wirt li ħallielna.

Xi wħud fl-imgħoddi mbiegħed u qrib urew ix-xewqa li lil Cuschieri jittellagħlu monument biex nibqgħu niftakruh minn nisel għal nisel. Mhux xi ħsieb ħażin dan, anzi xieraq u nobbli u ta' min wieħed iqiegħed mafkar xieraq f'din l-Università f'ġieħu u f'ġieħ dawk – u hawn insemmi biss lill-Prof. Napuljun Tagliaferro – li mill-alma mater żergħu bil-ħidma akkademika tagħhom iż-żerriegħa tal-identità kulturali li wasslet lil Malta fejn tinsab illum.

*Nota tal-awtur: Fil-fehma tiegħi l-isbaħ u l-iktar mafkar siewi li nistgħu ntellgħu f'ġieħ Cuschieri huwa li nħobbu dak li, kif tixhed dwaru n-nekroloġija uffiċjali tal-Provinċja Karmelitana Maltija, huwa ħabb u ta ħajtu għalih b'ħeġġa mill-qalb "għall-glorja ta' Alla u għall-ġid tal-ġenerazzjonijiet li jitilgħu warajh."*